MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Lawrenz

# IS-SEBGĦA LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 40

Il-Ġimgħa, 17 ta' Awissu, 2018

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 22A, Triq id-Duluri, fl-09:00.

PREŻENTI:

Noel Formosa – Sindku
Anthony Formosa– Viċi Sindku
Franco Buhagiar– Kunsillier
Joseph Cauchi – Kunsillier
Carmela Grima – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Sarah Formosa – Segretarju Eżekuttiv

## 40.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

40.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) ippreżentat il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

40.1.2 Il-minuti kienu approvati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

## 40.2 Kommunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

40.2.1 Is-Sindku qal li għas-safra ta' San Venanzo hemm bżonn li nippreparaw u ntellgħu magħna ikel tipiku Malti għall-lejla gastronomika li se tkun fil-programm. Il-Kunsill qabel. Kien hemm qbil ukoll li l-Kunsill għandu jixtri mingħand il-parroċċa inċiżjonijiet biex jingħataw rigal, waqt skambji ta' rigali bejn is-sindki. F'dak li huwa informazzjoni lill-parteċipanti kien hemm qbil li Franco jikkordina mal-MTA biex ntellgħu magħna packages ta' informazzjoni dwar Malta.

40.2.2 Is-Sindku qal li hemm bżonn isir pjan ta' konkret sabiex meta jasal il-waqt li jibdew il-proġetti tat-toroq tal-Measure 4.3 u dawk iffinanzjati mill-Ministeru għall-Għawdex, ma jkunx hemm dewmien.

Wara diskussjoni sar qbil li bħala priorità jibdew it-toroq tal-Qasam, Wied Ġonu u Triq Wied il-Merill u wara jsiru Triq il-Wileġ u Triq id-Duluri peress li bħalissa ikun hemm ħafna traffic lejn id-Dwejra.

40.2.4 Is-Sindku qal li hu u s-Segretarju Eżekuttiv (SE) kellhom laqgħa mas-Sinjura Geertje Holland fejn proponiet li ssir kollaborazzjoni magħha u l-Kunsill ta' San Lawrenz sabiex issir Crafts Fair id-Dwejra. Is-Sinjura Holland qalet li bħala Kunsill iħallas il-kera tal-imwejjed, siġġijiet u entertainment għat-tfal u hi tieħu ħsieb tieħu tariffa għall-kull parteċipant. Wara diskussjoni sar qbil li bħala Kunsill ma nipparteċipawx peress li tiswa ħafna flus.

40.2.5 Is-SE qalet li r-reviżjoni tad-dokument tat-tender tal-fondi tat-tarmak mir-Reġjun daqt ikun lest mill-Perit Mariella Xuereb. Is-SE qalet li noħorġuha *accelerated procedure* sabiex ma jkunx hemm aktar dewmien. Il-Kunsill qabel.

40.2.6 Is-SE qalet li rċiviet l-istatistika taċ-Ċentru tad-Dwejra mis-sna Annie Formosa għas-snin, 2016, 2017 u 2018 (sa Lulju). Is-SE qrat l-istatistika u qalet li peress li kienet inforzata l-bye law, daħlu inqas nies iċ-ċentru pero qiegħ kien hemm kważi l-istess.

40.2.7 Is-SE qalet li rċieviet emejl mingħand is-sna Annie Formosa li hi l-assistent taċ-Ċentru tad-Dwejra. Fl-emejl fost l-oħrajn kien hemm talba biex ssir iktar publiċita' għaċ-Ċentru. Wara diskussjoni sar qbil li titpoġġa bandiera biex tiġbed għajn it-turisti ftit il-fuq miċ-ċentru kif ukoll isiru xi fliers li jitqassmu lit-turisti.

40.2.8 Is-SE qalet li l-applikazzjoni tal-EMW ġiet rifjutata.

## 40.3 Tweġibiet għall-Mistoqsjiet tal-Kunsillieri

40.3.1 Il-Kunsillier Anthony Formosa fakkar fit-tabella tal-Islippery fl-Inland Sea. Is-SE qalet li bagħtet diversi emejls u reminders. Wara diskussjoni sar qbil li tinkiteb emejl oħra lil Ministeru fejn tfakkar fix-xogħolijiet ta' urgenza kollha li talab għalihom il-Kunsill u infakkru ukoll fil-periklu li hemm jekk dawn l-affarijiet ma jsirux b'mod immedjat.

## 40.4 Traffic Management fi Triq 10 ta' Awissu u Triq il-Wileġ

40.4.1 Is-Sindku qal li fil-festa rċieva xi lmenti minħabba parkeġġ f'dawn it-toroq saħansitra anke affrontat bi kliem mhux xieraq minn resident. Hu fakkar li l-Kunsill ħa l-miżuri kollha li hemm bżonn biex fil-festa ma tiġix ostakolata din it-triq. Tlabna wkoll għal Tow zone imma ma ġietx aċċetata mill-awtoritajiet kompetenti. Is-Sindku qal li waqt il-ġranet tal-festa kien f'kuntatt dirett mal-pulizija biex tinżamm l-ordni f' din it-triq u saħansitra tpoġġew barriers fuq id-*double yellow line*.. Is-Sindku qal li resident partikolari talab li jsiru bollards fuq id-*double yellow lines* pero wara diskussjoni l-Kunsill b'mod unanimu qabel li din il-misura mhix waħda prattika, għaliex l-ewwel ħaġa t-TM ma tagħtix permess.

## 40.5 Wara l-Festa

40.5.1 Is-Sindku qal li din is-sena morna tajjeb ħafna u kollox mar kif kien ppjanat.

## 40.6 Wara l-Laqgħa mad-Direttur Rigward l-Iżbilanċ Finanzjarju

40.6.1 Is-SE qalet li hi flimkien mas-Sindku kellhom laqgħa mad-Direttur rigward l-iżbilanċ finanzjarju. Id-Direttur fehem is-sitwazzjoni tagħna u għaraf li qed nimxu bil-galbu billi nkomplu inħallsu lil kredituri tagħna u nidħlu biss għall-proġetti li huma kważi 100% finanzjati b'xi skema.

## 40.7 Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart

40.7.1 Is-SE ippreżentat ir-rapport finanzjarju tat-tieni kwart. Dan ġiet approvat.

## 40.8 Measure 4.4

40.8.1 Saret diskussjoni napplikawx għall-din il-miżura u kien deċiż li għandna r-riżorsi kollħa użati fiproġetti oħrajn.

## 40.9 Swejjaq f'Novembru

40.9.1 Is-Sindku qal li qiegħin f'taħdidiet mas-Segretarju Parlimentari Clint Camilleri biex isir Swejjaq b'kollaborazzjoni tal-istess Segretarjat Parlamentari.

## 40.10 EWWR

40.10.1 Is-SE qalet li ħargu l-applikazzjonijiet għall-European Week for Waste Reduction (EWWR). Wara diskussjoni sar qbil li din is-sena ma napplikawx.

## 40.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

40.11.1 Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif preżentati mis-SE.

## 40.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

40.12.1 Il-laqgħa intemmet fl-12:00 u ġiet aġġornata għall-14 ta' Settembru 2018 fl-09:30.

(IFFIRMATA)
Noel Formosa
Sindku

(IFFIRMATA)
Sarah Formosa
Segretarju Eżekuttiv